# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

Pulizija

(Spettur Charlotte Curmi)

Vs

Paul Calleja

Illum 11 ta' Dicembru, 2024

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijet fil-konfront ta' Paul Calleja bin Anthony Calleja u Mary nee Zammit imwieled fil-06/12/1953 u joqghod 9, Massabielle, Triq Ganni Vella, Mosta. ID 2654M.

Billi int akkuzat talli fis-16 ta' Dicembru, 2018 ghall-habta ta' 21.20 hrs fi Triq id-Dris, Swieqi soqt vettura nru: IBC 467;

1. U bhala persuna ingurajt, heddidt jew ghamilt offiza fuq persuna ta' wiehed inkarigat skont il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li qed jaghmlu dan is-servizz

bil-hsieb li tbezza jew influwixxi kontra l-ligi fl-ezekuzzjoni ta' dan is-servizz,

2. U aktar talli inqast li tobdi minnufih kull ordni, indikazzjoni jew sinjal moghti jew maghmul mill-Pulizija jew minn gwardjan lokali, waqt li kont qed issuq jew kellek fil-kontroll tieghek vettura bil-mutur;
3. U aktar talli tajt hazin lil xi ufficjal tal-Pulizija jew ufficjal tal-Komunita' filwaqt li jkunu qeghdin jaqdu dmirijiethom, ismek, kunjomok, n-numru tal-karta tal-identita', l-indirizz jew xi partikolaritajiet ohra, jew xi dokument li jista' jkun mehtieg skont il-ligi;
4. U aktar talli kellek vettura bil-mutur fit-triq, kemm ipparkjata, kemm qed tintuza minghajr ma kellha licenzja mahruga mill-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta u nqast li ggedida kull sena;
5. U talli soqt l-istess vettura minghajr ma kienet licenzjata mill-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta biex tintuza fit-triq;
6. U aktar talli soqt l-istess vettura minghajr ma kienet koperta b'polza tas-sigurta' dwar ir-riskji tat-terzi persuni;
7. U aktar talli ghamilt uzu minn marka ta' Registrazzjoni xort'ohra (HAA 836) minn dik moghtija mill-Awtorita' dwar xi vettura bil-mutur partikolari;
8. U aktar talli inqast twahhal il-licenzja fuq ix-xellug tal-windscreen tal-imsemmija vettura;
9. U aktar talli waqt li kont qed issuq l-imsemmija vettura bil-mutur, mort kontra is-sinjal tat-traffiku (No entry);
10. U b'nuqqas ta' hsieb u bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, hbatt u involontarjament ikkagunajt hsarat ghad-dannu ta' Louise Depasquale;
11. U aktar talli bhala persuna inti sirt recediv b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata 15.12.2015 mill-Magt Dr. Joseph Mifsud LL.D. liema sentenza saret definite u ma tistax tigi mibdula.

Il-Prosekuzzjoni titlob li tigi skwalifikat/a mill-licenzji kollha tieghek tas-sewqan.

Il-Qorti hija gentilment mitluba li f'kaz ta' htija minhabba li tinfliggi il-piena skont il-ligi, tnaqqas il-punti mill-licenzji tas-sewqan hekk kif stabbilit mill-L.S. 65.18 Art 36B u fil-65.18 Sitt Skeda.

Rat l- Artikolu 328(d) 49, 50, 95 tal-Kap 9 Artiklu 3(1) tal- Kap 104 Artiklu 15(1)(a ) (3) tal- Kap 65 Sl 65.05 Artiklu 2(II A (c ) ) SL65.11 MVR 124(1)(2) LS 368.02 Art 13(1), Art 44(5) Sec 17(2)(a ) tal-Ligijiet ta' Malta

Rat in-nomina ta Dr Katya Vassallo fil-fl-1 ta' April 2019 u ezebiet ir-rapport taghhha Dok KV fis-6 ta' Frar 2023

Rat ix-xhieda kollha prodotta mill-Prosekuzzjoni..

Rat x-xhieda tal-imputat.

Rat l-atti kollha u x-xhieda u dokumentazzjoni kollha prodotta.

Semghet it-trattazjoni.

**Ikkunsidrat**

**Stephen Cachia** xehed in rappresentanza ta' Transport Malta rigwardanti dan il-kas

**PCO Christabel Zammit** ezebiet Dok CZ 2 fedina penali tal-imputat u sentenza P vs Paul Calleja rigwardanti l-impuata datat 15 ta'Dicembru 2015 per Magistrat Joseph Mifsud

**Warden G707 Luana Meilaq** xehdet li ma tiftakar xejn dwar l-incident u li Paul Calleja taf min hu u li taghrfu fl-awla

**Warden G579 Anthony Scinto** ma gharafx l-imputat

**Louisa Depasquale** xehdet li ma kenitx presenti ghall-incident

**Ikkunsidrat**

Minn imkien fix-xhieda ma jirrizultaw l-imputazzjonijiet de quo. Minimament hadd ma biss gharaf lill-imputat bhala l-persuna involuta. Dan iwassal sabiex ma irrizulta l-ebda htija da parti tal-imputat .

**Decide**

Ghal dawn il-motivi wara li rat l- Rat l- Artikolu 328(d) 49, 50, 95 tal-Kap 9 Artiklu 3(1) tal- Kap 104 Artiklu 15(1)(a ) (3) tal- Kap 65 Sl 65.05 Artiklu 2(II A (c ) ) SL65.11 MVR 124(1)(2) LS 368.02 Art 13(1), Art 44(5) Sec 17(2) (a ) tal-Ligijiet ta’ Malta ma ssibx lil Paul Calleja hati tal-imputazzjonji fil-konfront tieghu u tilliberah minn kull htija u piena

**DR. YANA MICALLEF STAFRACE LL.D.**
**MAGISTRAT**

**Doris Serpina Sciberras**
**Deputat Registratur**